**NOMINA TAS-SUR VICTOR AGIUS GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI ĠEWWA BARBADOS**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?

**Tweġiba:**
Malta u l-Barbados, żewġ gżejjer stati żgħar li għandhom bosta aspetti simili fosthom: gżejjer stati, ex kolonji tal-Ingilterra, Membri tal-Commonwealth, it-turiżmu ndustrija ewlenija, is-sajd hija attivita' importanti, ekonomija li qed tikber b'rata mgħaġġla. Il-vulnerabbiltajiet ġeografiċi, insularita` u sfidi ambjentali huma simili għat-tnejn.

**Turiżmu**
L-ekonomiji taż-żewġ stati tiddependi ħafna fuq it-turiżmu. Iż-żewġ pajjiżi qed jaħdmu fuq strateġiji ta' turiżmu sostenibbli biex titnaqqas id-dipendenza żejda u jiġu protetti siti storiċi.

**It-Tibdil fil-Klima u r-riskji ambjentali**
It-Tibdil fil-Klima u r-riskji ambjentali huwa żewġ oqsma li jikkonċernaw liż-żewġ gżejjer. L-iskarsezza tal-ilma u l-urbanizzazzjoni qed jheddu l-ekosistemi naturali u l-agrikoltura.

Iż-żewġ pajjizi jistgħu jikkordinaw ħidma fil-fora nternazzjonali sabiex jieħdu azzjonijiet konkreti dwar it-tibdil fil-klima kif ukoll riskji ambjentali.

**Żviluppi fil-qasam edukattiv**
L-izvilupp tal-riżorsa umana hija kruċjali għaż-żewġ pajjiżi. Żewġ stati bi ftit riżorsi naturali jenħtieġilhom li jkollhom riżorsa umana artikolata li kapaċi taħtaf l-opportunitajiet fis-setturi ekonomiċi emerġenti, bħal: l-Inteliġenza artifiċjali, robotika, il-qasam finanzjarju, eċċ .

**Governanza u effiċjenza fis-settur Pubbliku**
Iż-żewġ pajjżi jridu jaraw ikomplu jaħdmu biex ikollhom strutturi li jassiguraw trasparenza akbar, kontabilita` u governanza tajba fis-settur pubbliku.

2. X’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f’każ li tinħatar Ambaxxatur?

**Tweġiba:**
Is-settur edukattiv joffri bosta opportunitajiet lill-ġenerazzjonijiet futuri sabiex il-pajjiż ikollu riżorsa umana effiċjenti fit-tisħiħ ta’ bosta setturi ekonomiċi. Skambji ta’ riċerka u prattiċi fil-metodi ta’ tagħlim. Pożizzjonijiet komuni fi ħdan il-Commonwealth u l-Ġnus Magħquda. Tkabbir u kollaborazzjoni ta’ l-oqsma kummerċjali, opportunitajiet ta’ proġetti ta’ enerġija nadifa bejn iż-żewġ naħat u taħriġ ta’ studenti fil-qasam tal-ospitalita’. Il-kultura u l-arti huma żewġ oqsma fejn jista’ jkun hemm skambji ta’ idejat u opportunitajiet. Assistenza lil ċittadini Maltin li jkollhom bżonn għajnuna ġewwa Barbados.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista’ jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

**Tweġiba:**
Kollaborazzjoni akbar fil-fora nternazzjonali u pożiżżjonijiet komuni f’fora nternazzjoni; e.ż. Commonwealth u Ġnus Maqgħuda, ftehimiet bilaterali fuq bosta temi komuni, laqgħat diretti ma’ ministeri varji sabiex jiżdied il-qsim ta’ informazzjoni fuq suġġetti varji bejn iż-żewġ pajjiżi u jiġu esplorati oqsma ġodda fejn jista’ ikun hemm kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

**Tweġiba:**
Id-distanzi fiżiċi, il-kuntesti ġeografi, l-avvenimenti storiċi, il-kolonjaliżmu, l-żvilupp ekonomiku, l-isolament ta’ gżira stat u żvilupp politiku u konstituzzjonali kull wieħed irid jifhem iċ-ċirkostanzi ta’ xulxin sabiex inkunu nistgħu nibdew naħdmu flimkien.

5. X’taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrapreżenta lil pajjiżna?

**Tweġiba:**
L-edukazzjoni, it-turiżmu, is-setturi ekonomici, tibdil fil-klima, ħarsien tal-ambjent naturali u kollaborazzjoni fil-fora nternazzjonali huma oqsma ta’ nteress għaż-żewġ pajjiżi.

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

**Tweġiba:**
Titjib fil-kuntatti bilaterali sabiex jissaħħaħ id-djalogu fuq bosta oqsma sabiex ikun hemm ftehimiet dwar kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi u jkun hemm promozzjoni ta' ħidma konġunta dwar setturi partikolari li huma komuni bħat-turiżmu, is-settur finanzjarju, is-settur tat-teknoloġija tal-informatika. Jiġi aġġornat il-ftehim ta' ħelsien mit-taxxa doppja bejn iż-żewġ pajjiżi.

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

**Tweġiba:**
F'Diċembru 2001, Malta u Barbados kienu iffirmaw ftehim ta' ħelsien mit-taxxa doppja fuq dħul fiż-żewġ pajjizi. Jiġu esplorati u aġġornamenti oħra li jirriflettu ż-żminijiet tal-lum. Trattati dwar kollaborazzjoni fis-settur tal-ospitalita' sabiex jitjieb il-prodott turistiku. Is-servizzi finanzjarji huwa qasam fejn jista' jkun kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Trattat dwar ir-riċerka edukattiva li tolqot diversi oqsma u setturi edukattivi.

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

**Tweġiba:**
Iva. It-turiżmu huwa pilastru ekonomiku. Il-possibilita' li jkun hemm studenti tal-istudji turistiċi u jiskambjaw esperjenzi ta' xogħol. Barra minn hekk, iż-żewġ gżejjer iridu jaħdmu fuq strategija ta' turiżmu sostenibbli.

9. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew SegretarjuParlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

**Tweġiba:**
Iva, għal perjodu qasir ta' ftit ġimgħat fl-2013 fil-Ministeru tal-Biedja u Sajd. Kif kien previst, wara erġajt lura biex inkompli bil-ħidma tiegħi fis-settur edukattiv. Qatt ma kelli l-intenzjoni li nħalli warajja l-professjoni ta' edukattur li bdejt mill-1989. Sal-ġurnata tal-lum għadni naħdem f'dan il-qasam li fih okkupajt diversi karigi tul il-karriera tiegħi.

10. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

..../3.

**Tweġiba:**
Iva, pajjiżna jista' jkun vuċi fi ħdan strutturi u entitajiet tal-Unjoni Ewropeja għal dan il-pajjiż fil-Karibew. Ċertament li jista' jkun hemm aktar ħidma konġunta bejn iż-żewġ pajjiżi fl-organi tal-Commonwealth, il-Ġnus Maqgħuda u fora oħra Internazzjonali.

11. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

**Tweġiba:**
Le. Iżda għal tliet snin kont ir-rappreżentant tad-dipartiment tal-edukazzjoni fuq working group tal-kummisjoni ewropeja fejn kienu jiġu diskussi temi li jolqtu t-tmexxija tal-iskejjel u finalment wara jitressqu għad-diskussjoni quddiem il-Kunsill tal-Ministri.

12. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

**Tweġiba:**
Wara li okkupajt diversi kariġi fis-settur edukattiv (għalliem, Deputat Kap ta' Skola, Kap ta' Skola u Prinċipal ta' Kulleġġ) għall-aħħar sena (minn April 2024) preżentament nokkupa l-kariga ta' l-Uffiċjal fi grad 4 fl-uffiċju tad-direttur ġenerali tal-edukazzjoni. Dan huwa l-impjieġ tiegħi li bi ħsiebni nżomm.

13. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

**Tweġiba:**
Le, m'għandix.

14. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

**Tweġiba:**
Le.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Barbados?

**Tweġiba:**

- Tisħiħ ta' relazzjoni bilaterali fuq livell politiku, ekonomiku, kulturali u edukattiv.
- Promozzjoni ta' investiment ta' negozju bejn iż-żewġ pajjiżi.
- Sapport konsulari għal ċittadini Maltin li jgħixu jew iżuru Barbados.
- Rapprezentazzjoni diplomatika f'avvenimenti, laqgħat u negozjati f'isem il-Gvern Malti.
- Koperazzjoni fuq temi komuni fuq livell internazzjoni bħal tibdil fil-klima, sigurta' u żvilupp sostenibbli.
- Koperazzjoni f'fora internazzjoni bħalma huma l-Commonwealth u l-Ġnus Maqgħuda.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l- Barbados?

**Tweġiba:**

- Dipendenza ekonomika notevoli fuq it-turiżmu u diversifikazzjoni ekonomika.
- Tibdil fil-klima u riskji ambjentali
- Nuqqas ta' riżorsi u mportazzjoni qawwi ta' ikel, ħwejjeġ, enerġija, karozzi, eċċ. Il-ħlasijiet addizzjonali ta' shipping.
- Nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati u ħaddiema mis-suq lokali.
- Governanza tajba fis-settur pubbliku.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Barbados?

**Tweġiba:**

- Tisħiħ fir-relazzjonijiet ekonimiċi u opportunitajiet fit-turiżmu, sevizzi finanzjarji, teknoloġija tal-informatika u intelliġenza artifiċjali.
- Sfida sabiex iż-żewġ pajjiżi jimbarkaw fuq turiżmu sostenibbli.
- Tibdil fil-klima u miżuri ambjentali ta' protezzjoni.
- Proġetti ta' enerġija nadifa u rinnovabbli.
- Kollaborazzjoni diplomatika fuq livell ta' Commonwealth  u tisħiħ ta' governanza tajba, edukazzjoni u sigurta' reġjonali

- Skambji ta fis-settur edukattiv fil-livell akkademiku u koperazzjoni f'riċerka b'temi ta' interess komuni.
- Skambji kulturali u arti.

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

**Tweġiba:**
Għal xi erbatax-il sena kont għalliem tal-ġografija. Għal tliet snin kont ir-rappreżentant tad-dipartiment tal-edukazzjoni fuq working group tal-kummisjoni ewropeja fejn kienu jiġu diskussi temi li wara jitressqu għall-Kunsill tal-Ministri.

5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-Barbados u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-Barbados?

**Tweġiba:**
Le.

6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

**Tweġiba:**
Għal tliet snin (bejn 2014 0 2017) kont ir-rappreżentant tad-dipartiment tal-edukazzjoni fuq *working group* tal-Kummisjoni Ewropeja fejn kienu jiġru diskussi temi li joltqu l-iskejjel u finalment wara jitressqu għal konsiderazzjoni u aktar diskussjoni quddiem il-Kunsill tal-Ministri.

7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

**Tweġiba:**
Iva, impjegat fid-dipartment tal-Edukazzjoni f'diversi rwoli ta' tmexxija.

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

**Tweġiba:**
Iva, għal perjodu qasir ta' ftit ġimgħat fl-2013 fil-Ministeru tal-Biedja u Sajd. Kif previst, wara erġajt lura biex inkompli fil-ħidma tiegħi fis-settur edukattiv. Qatt ma kelli l-intenzjoni li nħalli warajja l-professjoni ta' edukattur li bdejt mill-1989. Sal-ġurnata tal-lum għadni naħdem f'dan il-qasam li fih okkupajt diversi karigi tul il-karriera tiegħi.

..../6.

9. Tista’ tindika x’karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f’każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta’ Malta mhux residenti għal Barbados?

**Tweġiba:**
Wara li okkupajt diversi kariġi fis-settur edukattiv (għalliem, Deputat Kap ta’ Skola, Kap ta’ Skola u Prinċipal ta’ Kulleġġ) għall-aħħar sena (minn April 2024) preżentament nokkupa l-kariga ta’ l-Uffiċjal fi grad 4 fl-uffiċju tad-direttur ġenerali tal-edukazzjoni. Dan huwa l-impjieġ tiegħi li bi ħsiebni nżomm.

10. Tista’ tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista’ tindika jekk dawn humiex ser ikunu f’xi kunflitt f’każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta’ Malta mhux residenti għal Barbados?

**Tweġiba:**
Le

11. Tista’ tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta’ interess f’din il-ħatra tiegħek?

**Tweġiba:**
Le

12. Tista’ tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta’ pajjiż ieħor?

**Tweġiba:**
Le

Victor Agius, Dip (Yth Std), BA (Phil), PGCE, DEAM, MSc (Leicester)